**FIL-QORTI TAL-MINORENNI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**vs**

**OMISSIS**

**Kumpilazzjoni Nru. 738/2023 AC**

**Illum, it-12 ta' Ġunju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **OMISSIS** ta' 16-il sena, iben **OMISSIS** u **OMISSIS**, imwieled tal-Pieta' Malta nhar id-19 t'Ottubru 2006, residenti ġewwa l-fond **OMISSIS** u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija numru **OMISSIS**, li kien akkużat talli nhar l-14 ta' Jannar 2023 ġewwa Bormla, dolożament, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja f'periklu ċar, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS**;

Rat li meta l-imputat deher għall-ewwel darba b'ċitazzjoni quddiem din il-Qorti nhar il-11 t'April 2024[1], l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat kienet moqrija u kkonfermata bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Gabriel Kitcher[2];

Rat li meta fl-istess seduta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament:

1. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[4];

2. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar is-17 t'April 2023[5];

3. Referta negattiva tal-imputat għas-seduta tal-14 ta' Marzu 2024[6];

4. Ċertifikat Mediku fir-rigward tal-*Parte Civile* **OMISSIS** datat l-14 ta' Jannar 2023 maħruġ mit-Tabib Dr. Edward Zammit (MR: 2889)[7];

5. Dikjarazzjoni tal-imputat għar-Rinunzja tad-Dritt għall-Assistenza Legali datata t-22 ta' Jannar 2023[8];

6. Dikjarazzjoni tal-imputat għar-Rinunzja tad-Dritt għall-Assistenza Legali datata t-2 ta' Frar 2023[9];

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 8 *et seq* tal-proċess, u l-akkużi kif maħlufa bil-ġurament a fol 1 tal-proċess
[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 8 *et seq* tal-proċess, u l-akkużi kif maħlufa bil-ġurament a fol 1 tal-proċess
[3] Ara a fol 10 tal-proċess
[4] Ara a fol 2 tal-proċess
[5] Ara a fol 3 tal-proċess
[6] Ara Dok X a fol 7 tal-proċess
[7] Ara Dok GBA1 a fol 11 tal-proċess
[8] Ara Dok GBA2 a fol 12 tal-proċess
[9] Ara Dok GBA3 a fol 13 tal-proċess

7. Stqarrija tal-imputat datata t-2 ta' Frar 2023[10];

8. Relazzjoni tal-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino datatat-3 ta' Novembru 2024[11];

9. Rapport tal-NPS bir-referenza 4/POL/293/2023[12];

Rat illi fis-seduta tal-11 t'April 2024[13] deher il-*Parte Civile* **OMISSIS** fil-preżenza t'ommu li bil-ġurament tiegħu iddikjara li huwa maġġorenni, u ddikjara wkoll li ma xtaqtx jixhed fil-konfront tal-imputat sabiex ma jinkriminax ruħu;

Rat li fl-istess seduta, din il-Qorti rat li kien hemm provi biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt Att t'Akkuża, u dan skont digriet tal-*Prima Facie* datat il-11 t'April 2024[14];

Semgħet ix-xhieda, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw is-segwenti:

**L-Ispettur Gabriel Kitcher** jixhed fis-seduta tal-11 t'April 2024[15] li kien daħal rapport fl-14 ta' Jannar 2023 fl-Għassa ta' Bormla minn ċertu **OMISSIS** bil-Karta tal-Identita' bin-numru **OMISSIS** fil-preżenza t'ommu Michelle OMISSIS bil-Karta tal-Identita' bin-numru 198684M, li stqarr li kien aggredit mill-imputat OMISSIS. Ix-xhud jispjega li kien hemm konfront bejn dawn it-tnejn min-nies ġewwa Pjazza Santa Margerita, Bormla, u li l-imputat kien imbotta lil **OMISSIS** u kkaġunalu grieħi gravi, u mar il-klinika ta' Raħal Ġdid kien iċċertifikat minn Dr. Edward Zammit fl-istess ġurnata tal-14 ta' Jannar 2023, liema ċertifikat ix-xhud jesebixxi bħala Dok GBA1. Ix-xhud ikompli jispjega li Al Sous kien mitkellem minn PS 266 Jessica Degiorgio u ngħata s-solita twissija skont il-Liġi u ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut li jikkonsulta m'Avukat, liema dikjarazzjoni kienet esebita bħala Dok GBA2. Ix-xhud jispjega wkoll li hu stess kien kellem lil Al Sous u ħadlu stqarrija u qabel

[10] Ara Dok GBA4 a fol 14 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok ECB1 a fol 64 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok GK1 a fol 79 *et seq* tal-proċess
[13] Ara l-verbal tal-istess a fol 8 *et seq* tal-proċess
[14] Ara a fol 17 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 10A *et seq* tal-proċess

ma kien mitkellem ix-xhud reġa' tah id-drittijiet legali kollha tiegħu, u għażel li jirrifjuta dawn id-drittijiet inkluż tal-Avukat, liema dokument kien esebit bħala Dok GBA3. Ix-xhud jispjega li din l-Istqarrija ttieħdet fil-preżenza t'ommu Doris Al Sous, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 169177M u ta' PC 381, liema Stqarrija kienet esebita bħala Dok GBA4, u x-xhud jiddikjara li jagħraf il-firem kollha fuq l-istess dokument;

**Il-*Parte Civile* OMISSIS** jixhed fis-seduta tal-11 t'April 2024[16] li jiddikjara li issa huwa maġġorenni u wara li din il-Qorti tagħtu d-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu, ix-xhud jagħżel li ma jiddeponix fil-konfront tal-imputat;

**It-Tabib Dr. Edward Zammit** jixhed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2024[17] li jikkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit a fol 11 tal-proċess kien maħruġ minnu, u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni jispjega li kien eżamina lil OMISSIS OMISSIS, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0074806L u ddokumenta l-feriti subiti minnu. Jiddeskrivi dawn il-ġrieħi bħala "***ferita miftuħa fuq il-ġenb...naħa tax-xellug u kien hemm bżonn il-punti bejn 5 u 6***"[18], u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, jikkonferma li dawn il-ġrieħi kienu ta' natura gravi, u jispjega li *ai fini* ta' kemm idumu biex ifiqu, dan jiddependi kemm jieħu ħsieb il-ferita u fatturi oħra, u jistqarr li huma jaraw il-feriti. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud jispjega li wara dan ma kienx reġa' ra lill-pazjent iżda jgħid li kienu n-*nurses* tiegħu li rawh, pero' għalkemm jgħid li fil-*Health Centres* ikun hemm dokumentazzjoni ta' kull *nurse*, "***xi tkun rat u ma ratx u jiktbu n-noti tagħhom***"[19] u li din l-informazzjoni tibqa' hemm, ix-xhud jistqarr li ma setgħax jidentifika min kienet din in-*nurse*.

**Michelle OMISSIS** tixhed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2024[20] li kienet għamlet rapport fl-Għassa ta' Bormla s-sena ta' qabel, għalkemm ma setgħetx tikkonferma meta kien. Tispjega li kienet għamlet dan ir-rapport flimkien mat-tifel tagħha OMISSIS OMISSIS, u tgħid li kien qiegħed ma' tfajla u marru jiltaqgħu ma' xi nies "***għax it-tifel ħaseb li biex***

---

[16] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 16A *et seq* tal-proċess
[17] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 22 *et seq* tal-proċess
[18] Ara a fol 23 tal-proċess
[19] Ara a fol 24 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 25 *et seq* tal-proċess

***jitkellmu***"[21] u tgħid li spiċċaw fi ġlieda. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni dwar dak li seħħ ix-xhud tistqarr li hi ma kienitx preżenti pero' t-tifel qal li kien hemm persuna li qaltlu biex ikellmu, "***għax jekk mhux ġej ħa tiswik agħar***"[22], u dan imbuttah u t-tifel ħabat rasu ma' ħajt. Ix-xhud tkompli tispjega li wara dan hi u t-tifel marru l-klinika ta' Raħal Ġdid iżda ma setgħetx tiftakar min kien eżamina lil binha. Ix-xhud tkompli tispjega li sar ċertifikat, u hi marret bih l-Għassa. Murija Dok GBA1 a fol 11 tal-proċess, ix-xhud tagħrfu bħala ċ-ċertifikat tat-Tabib għal OMISSIS minħabba ferita li kien sofra f'rasu, u tikkonferma li kien ma' dan l-inċident li xehdet fuqu.

**OMISSIS** tixhed fil-preżenza t'ommha fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024[23] **li tibda biex tindika lill-imputat preżenti fl-awla**, u tispjega li kien seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri f'nofs is-sena ta' qabel (l-2023) wara nofsinhar u tikkonferma li kien għadu d-dawl. Tispjega li kienu qiegħdin għand in-nanna tal-eks-sieħeb tagħha OMISSIS OMISSIS ġewwa l-Fgura, u tgħid li kienet ħabiba ta' ċerta **OMISSIS** li bagħtitilhom biex imorru ħdejha u tistqarr li hi ma xtaqitx tmur għax kienu qiegħdin ħdejn in-nanna ta' **OMISSIS**, iżda hu xtaq imur peress li kienu ħbieb, b'referenza għall-istess **OMISSIS**, u **OMISSIS** u **OMISSIS**, li kienet l-għarusa t' **OMISSIS**. Ix-xhud tkompli tispjega li marru l-Bandli u kellha *handbag* f'idha u Jaylee ħaditulha u meta talbitha ttihulha lura, irrifjutat li tagħmel hekk, u għalhekk qaltilha li kienet se tmur għal ommha ("***ommi***"[24]). Ix-xhud tispjega li dak il-ħin bdiet takkużaha li offenditilha lil nannuha li kien mejjet – ħaġa li x-xhud tinnega – għaliex hi stess għandha nannu tagħha mejjet, u ssostni li ma kellha għalfejn toffendi lil ħadd. Ix-xhud tispjega li reġgħet talbitha ttiha l-*handbag* tagħha lura iżda baqgħet ma tatulhiex, u hekk kif qabżet iċ-ċinta biex tmur għand ommha u bdiet tiela' t-telgħa, tgħid li ġriet warajha u Jaylee qabdet ittiha. Ix-xhud tkompli tispjega li hi ma riditx tweġġagħha u tgħid li min-naħa tagħha ma missitihiex, tgħid li "***kien grupp u hekk u irnexxieli naħrabilha***"[25] u marret tiġri lejn il-ġara tagħha fit-tarf tat-telgħa, u bdiet tispjegalha x'kien ġara u hemmhekk marret għal ommha. Ix-xhud tkompli tgħid li kienet għand ommha u ġie OMISSIS u raw xi demm f'rasu. Min-naħa tagħha x-xhud tistqarr li ma kienitx taf jekk

[21] Ara a fol 26 tal-proċess
[22] Ara a fol 27 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 31A *et seq* tal-proċess
[24] Ara a fol 31D tal-proċess
[25] Ara a fol 31D tal-proċess

instabatx ma' ħajt, u kull ma qalilha kien "***li qasmulu naqra rasu imma ma rajt xejn jiena***"[26], u tgħid li ommha ratu wkoll. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tgħid li ma tafx kif ġew il-ġrieħi li semmiet u ma rat lil ħadd isawwat lil OMISSIS. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tispjega li fil-grupp kienu hi, **OMISSIS**, **OMISSIS** t-tfajla t' **OMISSIS**, Amran innifsu, u xi ġuvni ieħor li ma kienitx taf x'jismu. Rigward il-ġrieħi sofferti minn **OMISSIS**, ix-xhud tgħid li dawn kienu mal-ġenb ta' rasu u rat ftit demm;

**OMISSIS** tixhed fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024[27] li dak li kienet mitluba tixhed dwaru seħħ fix-xitwa tas-sena ta' qabel, u tispjega li kienu grupp nisa jiċċajtaw bejniethom, liema nisa kienu x-xhud stess, **OMISSIS** u **OMISSIS**, u kienu qiegħdin Bormla mixjin, u tgħid li f'daqqa f'waħda jaraw lil Shanice u Jaylin jiġu fl-idejn, li telqu jiġru u hi baqgħet miexja, u s-subien (li tgħid li kienu OMISSIS u OMISSIS OMISSIS) ma rawhomx iżjed. Ix-xhud tispjega li s-subien marru jiġru wara n-nisa' għaliex OMISSIS "***kien f'saħna ta' mument u* OMISSIS *mar jiġri wara* OMISSIS**"[28] biex jekk jinqala' xi ħaġa jkun qiegħed hemmhekk biex iwaqqaf. Tispjega li mbagħad rat lil Amran biss niżel, u x'ħin wasal, tgħid li minflok telgħu it-telgħa fejn kienu marru n-nisa', marru n-naħa l-oħra biex ma jiltaqgħux magħhom fit-triq. Fuq domanda tal-Qorti, x-xhud tispjega li kienet ilha ħabiba ma' Shanice u kienu l-iskola flimkien, iżda lil Jaylin tgħid li ma tantx kienet ilha tafha. Rigward is-subien, ix-xhud tgħid li lil OMISSIS "***ftit ili nafu mhux ħafna***"[29] u lil Amran "***ma tantx kont ilni nafu***"[30]. Mistoqsija dwar x'ġara iżjed ix-xhud terġa' ssemmi li rat lil Amran nieżel waħdu u huma kienu mexjin 'il fuq lejn telgħa, li fuq domanda tal-Qorti tikkjarifika li kienet qed titkellem dwar telgħa li hemm ħdejn l-Iskola Primarja ta' Bormla[31], u tispjega li kienet man-nisa' jiċċajtaw "***fi żmien tal-iskola, tal-lessons u hekk***"[32]. Mistoqsija mill-Qorti x'riedet tgħid b'dan ix-xhud tispjega li dan kien ċajt bejniethom dwar liema lezzjoni kienu jieħdu gost fiha fost affarijiet oħra, u mument minnhom kienu qed jitkellmu u imbagħad rat lil Shanice u Jamie fl-idejn. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud iżżid tgħid li wara li ġew fl-idejn Shanice kienet sejra lejn id-dar, u tispjega li baqgħu jimxu wara xulxin iżda hi

[26] Ara a fol 31D tal-proċess
[27] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 38 *et seq* tal-proċess
[28] Ara a fol 40 tal-proċess
[29] Ara a fol 40 tal-proċess
[30] Ara a fol 40 tal-proċess
[31] "***mexjin lejn it-telgħa ta' fejn hemm l-iskola primarja ta' Bormla***" – Ara a fol 41 tal-proċess
[32] Ara a fol 41 tal-proċess

baqgħet tiela' waħedha, u OMISSIS telaq jiġri wara n-nisa "***fis-saħna tal-mument***"[33], u tgħid li Amran mar jiġri wara OMISSIS "***biex iferraq biex jekk OMISSIS ikun ħa jerfa' idejh fuq xi ħadd***"[34]. Fuq domanda tal-Qorti dwar kif kienet taf li hekk kellu f'moħħu Amran, tispjega li kien hu stess li qalilha dan id-diskors meta niżel lura min-niżla u staqsietu x'kien ġara, li qalilha "***għax mort niġri wara* OMISSIS *għax kien f'saħna ta' mument, biex jekk ikun ħa jerfa' jdejh fuq xi ħadd jien inkun hemm biex inferraq***"[35] għaliex tgħid li ma riedx li jiġi fil-ġlied "***li tipo jeħel xi ħaġa għax jerfa' jdejh fuq tifla għax mhux sewwa***"[36]. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud tgħid li m'għadhiex ħbieb man-nies semmiet, u tispjega li lil **OMISSIS** kienet ilha ma tkellimha għal madwar sena, lil Jaylin kienet ilha ma tkellimha, lil **OMISSIS** kienet ilha ma tkellmu minn dakinhar tal-inċident u lil Amran kienet ilha ma tkellmu, u tgħid li qisu qagħtet lil kulħadd minn mindu ġrat din il-ġlieda. Mistoqsija jekk qabel dakinhar tax-xhieda tagħha kellimhiex xi ħadd minnhom, ix-xhud tgħid li ħadd minnhom ma kien kellimha pero' tispjega li darba kienet qiegħda l-festa taż-Żejtun flimkien ma' ħabibtha u nzertat kienet ħabiba ma' Shanice u hi kienet magħha, iżda tgħid li "***qas naf li ħarisna lejn xulxin jew tkellimna***"[37];

**OMISSIS** tixhed fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2024[38] li fuq domanda tal-Prosekuzzjoni **tibda biex tindika lill-imputat preżenti fl-awla**, u tgħid li kien ġiet tixhed dwar inċident li seħħ madwar sentejn qabel, iżda tistqarr li ma kienitx taf id-data ta' meta seħħ. Tispjega li kienet flimkien ma' **OMISSIS**, **OMISSIS**, ċerta **OMISSIS** u **OMISSIS** ġewwa l-bandli f'Bormla, u din Charnise bdiet toffendi lix-xhud u hi ġġieldet magħha, u ġie OMISSIS lejha u "***speċi ta'* OMISSIS *imbuttah***"[39] għax kien ġej lejha. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, x-xhud tkompli tispjega li meta Amran imbutta lil OMISSIS, dan tal-aħħar ħabat rasu, iżda tistqarr li ma kienitx taf x'ġara minn dak il-mument 'il quddiem għax hi telqet u tgħid li kulħadd telaq dak il-ħin. Mistoqsija dwar il-lok, tispjega li dan il-bandli kien f'Bormla pero' tistqarr li ma tafx eżatt fejn iżda tgħid li hemm gabbana b'bandli ħdejha, u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, tgħid li dan l-inċident seħħ filgħaxija. In kontro-eżami, x-xhud tgħid li

---

[33] Ara a fol 42 tal-proċess
[34] Ara a fol 42 tal-proċess
[35] Ara a fol 43 tal-proċess
[36] Ara a fol 43 tal-proċess
[37] Ara a fol 43 tal-proċess
[38] Ara x-xhieda tagħha mogħtija waqt l-istess seduta a fol 52 *et seq* tal-proċess
[39] Ara a fol 54 tal-proċess

OMISSIS ġie jiġri lejha u hi bdiet tiġġieled ma' **OMISSIS** għaliex bdiet toffendiha għal xi raġuni, u milli rat hi, ġie fuqha għaliex ix-xhud kienet qed tiġġieled ma' tifla li kien qed joħroġ magħha, u fuq domanda tad-Difiża tikkonferma li ħasset li OMISSIS kien ġie biex jagħmel għaliha, u tikkonferma wkoll li kieku ma kienx għal OMISSIS, seta' jweġġagħha. Min-naħa tagħha x-xhud tikkonferma li kien OMISSIS OMISSIS li ġie fuqha waqt li kienet qed tiġġieled ma' Charnise Aquilina, u fuq domanda tad-Difiża tgħid li Amran intervjena biex jiddefendiha, u tikkonferma li "***kważi mnalla kien hu***"[40] għaliha, għax tgħid li kieku setgħet tweġġa'.

**OMISSIS** jixhed fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2024[41] li fuq domanda tal-Prosekuzzjoni **jindika lill-imputat preżenti fl-awla**. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jispjega li l-inċident kien ilu li seħħ pero' jistqarr li ma kienx jaf id-data. Ix-xhud jgħid li kienu qegħdin Bormla ġewwa l-Bandli bin-nisa' u l-irġiel għalihom, u n-nisa' bdew jiġġieldu. Mistoqsi min kienu dawn in-nies ix-xhud jgħid li ma kienx jiftakar iżda jsemmi lil ċertu Joenis u Jayley, u jispjega li dawn bdew jiġġieldu, u OMISSIS u Amran marru warajhom, hu mar warajhom ukoll, u f'ħin minnhom jara lil OMISSIS jagħti daqqa ta' ponn lil Amran u Amran imbuttah. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni x-xhud jikkonferma li dan rah b'għajnejh iżda "***naqra mill-bogħod***"[42], u fuq domanda tal-Prosekuzzjoni jistqarr li ma kienx jaf id-dinamika tal-inċident, u ċioe' min beda l-argument għaliex jgħid li ma tantx ra ċar. Mistoqsi dwar x'instiga l-ġlieda bejn dawn it-tnejn min-nies ix-xhud iwieġeb li ma jiftakarx;

**L-espert medikolegali t-Tabib Dr. Edward Basile Cherubino** jixhed fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024[43] li kellu l-inkarigu sabiex jeżamina lil Mirco OMISSIS u jikkonferma li OMISSIS sofra minn ġrieħi ta' natura gravi, iżda jispjega li m'hemm l-ebda permanenza mill-istess ġrieħi. F'dan l-istadju x-xhud jikkonferma r-relazzjoni esebita minnu bil-ġurament, liema relazzjoni kienet immarkata bħala Dok EBC1;

[40] Ara a fol 57 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 58 *et seq* tal-proċess
[42] Ara a fol 60 tal-proċess
[43] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 63A *et seq* tal-proċess

**L-Ispettur Gabriel Kitcher** jerġa' jixhed fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024[44], u jippreżenta Rapport tal-NPS bir-referenza 4/POL/293/2023, liema Rapport kien immarkat bħala Dok GK1;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024[45] id-Difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhieda tagħha lil **PC 381 Jonathan Farrugia**, **PC 791 John Borg** u lil **PS 2366 Jessica Degiorgio** *ai termini* tal-ewwel kweżit tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali datat it-3 ta' Settembru 2024[46];

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024[47] din il-Qorti nnutat li fil-verbal tat-3 t'Ottubru 2024 tniżżlet Dr. Cynthia Tomasuolo għall-Avukat Ġenerali iżda f'din il-kawża l-Avukat Ġenerali m'huwiex Uffiċjal Prosekutur, u għalhekk ordnat li ssir korrezzjoni fl-istess verbal, b'dan illi Dr. Cynthia Tomasuolo ma tkunx imniżżla fl-istess verbal. Rat ukoll li d-Deputat Reġistratur għadda bil-korrezzjoni tal-verbal tat-3 t'Ottubru 2024 *seduta stante*.

Rat ir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Diċembru 2024[48], li mill-kumpilazzjoni msemmija dehrlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 37(2), 202(g)(i), 214, 215, 216(1)(a)(iii), 222A(7) tal-Kap. 9 Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'dan illi qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu ikun trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha, skont dak provdut fl-Artikolu 370(3)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

---

[44] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-istess seduta a fol 78A *et seq* tal-proċess
[45] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 37 tal-proċess
[46] Ara a fol 36 tal-proċess
[47] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 62 *et seq* tal-proċess
[48] Ara a fol 76 tal-proċess

1. Tisma' lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jippreżenta l-okkorrenza relatata mal-inċident datat nhar l-14 ta' Jannar 2023 u sussegwentement tkun ikkonfermata mill-uffiċjal jew uffiċjali investigattivi li kitbu l-istes okkorrenza;

2. Tassigura li tkun traskritta u nserita x-xhieda tal-espert **Dr Edward Basile Cherubino** li xehed nhar is-7 ta' Novembru 2024;

3. Tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-Prosekuzzjoni jidhrilha xieraq li tipproduċi f'dan il-każ;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024[49] din il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datat l-4 ta' Diċembru 2024, u rrilevat li *ai termini* tat-tieni riżerva, it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-**espert medikolegali it-Tabib Dr. Edward Basile Cherubino** kienet inserita fl-atti[50];

Rat illi fl-istess seduta[51], *ai termini* tal-ewwel riżerva semgħet ix-xhieda tal-**Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Gabriel Kitcher**[52], b'dan illi esebixxa r-Rapport tal-NPS relattiv għal dawn il-proċeduri bħala Dok GK1[53];

Rat illi fl-istess seduta[54] l-Prosekuzzjoni qrat u kkonfermat ir-Rinviju tal-Ġudizzju bil-ġurament, u ddikjarat il-provi tagħha magħluqin;

Rat illi fl-istess seduta[55], wara li din il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jkunu trattati bi proċedura sommarja, id-Difiża ddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni sabiex dan il-każ ikun trattat minn din il-Qorti kif preseduta;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025[56];

---

[49] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 77 *et seq* tal-proċess
[50] Ara a fol 63A *et seq* tal-proċess
[51] Ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024 a fol 77 *et seq* tal-proċess
[52] Ara t-traskrizzjoni tal-istess xhieda a fol 78A *et seq* tal-proċess
[53] Ara a fol 79 *et seq* tal-proċess
[54] Ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024 a fol 77 *et seq* tal-proċess
[55] Ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2024 a fol 77 *et seq* tal-proċess
[56] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 84 tal-proċess, u t-trattazzjoni a fol 85 *et seq* tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża odjerna kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat jinsab mixli talli nhar l-14 ta' Jannar 2023 ġewwa Bormla, dolożament, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jpoġġi l-ħajja f'periklu ċar, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS**;

Rigward din l-imputazzjoni, din il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għal dak ikkwotat fir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Diċembru 2024[57], u ċioe' s-segwenti:

1. Fl-Artikoli 37(2), 202(g)(i), 214, 215, 216(1)(a)(iii), 222A(7) tal-Kap. 9 Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Minn eżami tal-imputazzjoni odjerna kif ukoll l-Artikoli kkwotati mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju tal-Ġudizzju sopraċitat, joħroġ biċ-ċar li dawn il-proċeduri jinkwadraw ruħhom fid-dettami tal-Artikoli relatati mal-offiża volontarja fuq il-persuna ta' natura gravi, senjatament l-Artikoliu 214, l-Artikolu 215 u l-Artikolu 216(1)(a)(iii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li *ai fini* ta' kjarezza ser ikunu riprodotti hawn taħt:

> ***214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.***

[57] Ara a fol 76 tal-proċess

***215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.***

***216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –***
***(a) jekk tista' ġġib periklu –***
***(iii) ta'  difett  permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;***

F'dak li jirrigwarda provi dwar din l-imputazzjoni, jidher li t-teżi tal-Prosekuzzjoni tistrieħ fuq dak konstatat mit-Tabib Dr. Edward Zammit u l-espert medikolegali Dr. Edward Basile Cherubino, kif ukoll ix-xhieda pajżana li kienu preżenti waqt l-akkadut. F'dan l-istadju għandu jingħad illi x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni, il-*Parte Civile* Mirco OMISSIS, iddikjara fis-seduta tal-11 t'April 2024 bil-ġurament tiegħu iddikjara li rrifjuta li jkun legalment assistit u ddikjara għal aktar minn darba li ma xtaqx jixhed fil-konfront tal-imputat sabiex ma jinkriminax ruħu . Għalhekk ifisser li din il-Qorti tinsab spovvista mill-prova reġina dwar il-mertu ta' din l-imputazzjoni, u għalkemm omm il-*Parte Civile* Michelle OMISSIS tagħti ftit dawl fuq dak li seħħ mill-perspettiva tiegħiu, *stante* li *ex-admissis* ma kienitx preżenti għall-akkadut u dak li jingħad minnha rigward l-istess akkadut huwa dak li qalilha binha, x-xhieda tagħha għajr għall-mument ta' meta hi u l-*Parte Civile* marru jagħmlu ċertifikat mediku u li dan kien mgħoddi lill-Pulizija, jista' jitqies biss bħala *detto del detto*, u għalhekk il-valur probatorju tax-xhieda tagħha huwa limitat; Għalhekk din il-Qorti trid tistrieħ fuq ix-xhieda rimanenti, u ċioe' **OMISSIS**, **OMISSIS**, **OMISSIS** u **OMISSIS** sabiex tibni stampa ta' dak li seħħ f'dan l-inċident. Minn dak li jingħad mix-xhieda msemmija, jirriżulta li dan l-inċident isib l-għeruq tiegħu f'konfront li seħħ bejn OMISSIS (li dak iż-żmien kienet is-sieħba tal-*Parte Civile* Mirco OMISSIS) u OMISSIS ġja Formosa (li dak iż-żmien kienet is-sieħba tal-imputat), u li wara dan il-konfront, il-*Parte Civile* mar warajhom, u f'dan l-istadju, mar warajhom l-imputat ukoll, li qal lix-xhud OMISSIS li mar biex jikkalma s-sitwazzjoni. Minn hemmhekk, ix-xhud OMISSIS tgħid li rat lill-*Parte Civile* ġej lejha, u kien f'dak il-mument li kien hemm konfront bejn il-*Parte Civile* u l-imputat, li minn dak li jintqal mix-xhieda, senjatament Teylon Piscopo, ra lill-*Parte Civile* donnu jagħti daqqa ta' ponn lill-imputat, b'dan tal-aħħar jimbuttah lura. Min-naħa tal-istess OMISSIS, tiddeskrivi dak li ħasset dak il-ħin li rat lill-

*Parte Civile* ġej fuqha, u apparti li kkonfermat li l-imputat imbotta lill-*Parte Civile*, tgħid li ukoll li kieku m'għamilx hekk, il-*Parte Civile* kien ser jagħmel għaliha u li setgħet tweġġa';

Dan kollu qed jingħad fl-ambitu tal-eċċezzjoni mqajjma mid-Difiża fit-trattazzjoni tagħha dwar il-mertu fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025, li tissottometti li l-aġir tal-imputat jissodisfa l-elementi rikjesti tal-*legittima difesa*[58]. Dwar dan, fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-eċċezzjoni in kwistjoni tinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 223 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

> ***223. Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.***

Liema Artikolu għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 224 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

> ***224. Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:***
>
> ***(a) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;***

---

[58] B'referenza għal ġurisprudenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur David Gatt) v. Mark Farrugia**, deċiża mill-Maġistrat deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Ġunju 2002 mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera u fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jessica Bezzina) v. Nagia Seychell**, Kumpilazzjoni Nru. 208/2021, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Marzu 2022 mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello

> ***(b) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;***
>
> ***(ċ) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta' persuna nnifisha, jew ta' persuna oħra;***

Il-Qorti pero' tirrileva li l-Artikolu 224 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex Artikolu li jistipula lista eżawrenti tal-possibilitajiet fejn tista' tirnexxi d-difiża tal-*legittima difesa* u dan joħroġ anke ċar mill-verżjoni Ingliża tal-istess Artikolu li jgħid li "***Cases of actual necessity of lawful defence shall include the following***" – diċitura li turi li l-każijiet imsemmija fl-istess Artikolu ċertament jistgħu jagħtu lok għal ċirkustanzi oħrajn. Fil-fatt dan hu kkonfermat ukoll mis-segwenti ġurisprudenza li tkompli tikkonferma l-elementi neċessarji sabiex id-difiża ta' *legittima difesa* tirnexxi u li mhux neċessarjament iċ-ċirkustanzi jkunu tali li jissemmew u jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq imsemmi.

*In oltre* din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur A. Mallia) v. Francis Grima**[59], li fiha l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ssostni s-segwenti:

> ***Illi hu risaput li biex tirmexxi pjenament l-eċċezzjoni tal-"legittima difesa" jinħtieġ li jikkonkorru flimkien ċerti elementi , sejatament li jkun hemm attakk jew agressjoni***[60] ***, li dan l-attakk ikun sar f'daqqa***[61] ***u jkun gravi u inġust , u ukoll li l-perikolu ikun inevitabbli u li l-aġent ma jkollux mezz ieħor ħlief dak li jkun uża biex jirrespinġi l-attakk***[62] ***.***

[59] Appell Nru. 46/2002/1 deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono nhar is-27 ta' Ġunju 2002, paġna 3
[60] Enfasi tal-Qorti
[61] Enfasi tal-Qorti
[62] Enfasi tal-Qorti

> ***Fuq kollox umbagħad ikun hemm bżonn li bejn <u>l-azzjoni (l-attakk) u r-rejazzjoni ta' dak li jkun ikun hemm il-proporzjonalita'</u>***[63]**.**

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Roderick Agius) v. Mario Zaffarese</u>**[64] li tirreferi għal sentenza oħra fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) v. Tony Curmi et</u>**[65] li fiha l-Qorti ssostni kif ġej:

> ***"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-legittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra <u>diretta lejha jew lejn terzi</u>***[66]***, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei –***
>
> ***"occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."***
>
> ***Fil-Manuale di Diritto Penale Generale pg 261, insibu li***
>
> ***"pericolo attuale e' il pericolo presente."***
>
> ***Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:***

---

[63] Enfasi tal-Qorti

[64] Appell Nru. 345/2018 deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-12 ta' Diċembru 2018

[65] Kumpilazzjoni Nru. 1366/2012 deċiża mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar is-27 ta' Ġunju 2017, paġna 42-45

[66] Enfasi tal-Qorti

*"ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor."*

***Dan il-kliem huwa ċar ħafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap. jispeċifika l-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima.***

***Dan il-kliem huwa ċar ħafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess Kap. jispeċifika l-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima.***

***Jiġi rilevat li d-dritt għal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa. Ċioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil hajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak l-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri il-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut, ċioe' li f'dak il-mument li kien qed jseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel d-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.***

> ***Fil-fatt kif jgħid l-Professur Mamo fin-noti tiegħu:***
>
> ***"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact but rather as the accused saw it at the time."***
>
> ***Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument…"***

Tenut kont dan l-insenjament u dak imsemmi aktar 'il fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li, kif targumenta tajjeb id-Difiża, l-imputat kien rinfaċċat b'sitwazzjoni li wara li kien hemm tilwima bejn it-tfajla tiegħu u l-*Parte Civile* li fiha kien ġej il-*Parte Civile* b'ċertu aggressjoni fuq l-istess tfajla tiegħu OMISSIS tant li ħassitha mhedda b'dan l-aġir, u wara li skont ix-xhud Teylon Piscopo, l-istess *Parte Civile* deher jagħti daqqa ta' ponn lill-imputat, dan tal-aħħar irreaġixxa billi mbuttah u l-inċident waqaf hemm;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan jinkwadra ruħu f'dak li jingħad fl-Artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li mill-elementi msemmija aktar 'il fuq, il-ħsara prospettata fuq ix-xhud OMISSIS, li dak iż-żmien kienet tiġi s-sieħba tal-imputat kienet waħda inġusta (mhux permessa bil-Liġi), kienet gravi għaliex kien hemm il-periklu f'dak il-mument li x-xhud tweġġa' (kif fil-fatt tispjega hi stess fix-xhieda tagħha li dak il-ħin ħasset li kieku ma ntervjeniex kienet se tweġġa'), u l-fatt li f'dak il-ħin l-imputat ra li mill-aġir tal-*Parte Civile* ma kellu ebda mod ieħor ħlief li jimbottah biex ibiegħdu mis-sieħba tiegħu, jirriżulta wkoll l-element tal-inevittibilta'. Il-Qorti tara wkoll li r-reazzjoni tal-imputat kienet waħda proporzjonata għal dak li kien qed iseħħ quddiemu għaliex kif imbuttah, l-inċident waqaf hemm u ma kompliex.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 37(2), l-Artikolu 202(g), l-Artikolu 202(i), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216(1)(a)(iii), l-Artikolu 222A(7), l-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384, l-Artikolu 385, l-Artikolu 386, l-Artikolu 412Ċ, l-

Artikolu 412D, l-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B, l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kwotati mir-Rinviju tal-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali flimkien mal-Artikolu 223 u l-Artikolu 224 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **qiegħda ssib lill-imputat OMISSISmhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tagħha, u konsegwentement tillberah minn kull ħtija u piena**.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**